# ir-Restawr tal-KNISJA L-QADIMA

*minn Leslie S. Agius*

Lejn l-aħħar tas-sittinijiet l-Arċisqof Mikiel Gonzi għamel vista pastorali f'Birkirkara. Kien żar il-knisja ta' Santa Marija flimkien mal-Prepostu ta' Birkirkara, Mons. Ignatius Psaila, Dun Vincenz Saliba u Abraham Schembri.

Waqt li kien fil-kampnar iħares lejn il-ħerba ta' taħtu, l-Arċisqof Gonzi stqarr ix-xewqa tiegħu li jara l-bidu tar-restawr tal-Knisja.Ftit wara kienu saru żewġ kumitati, wieħed mill-Kapitlu Elenjan u l-ieħor mill-Kurja biex jieħdu ħsieb ir-restawr. Involvuti ħafna fir-restawr kienu Mons. Profs. Vincent Borg u Dun Vincenz Saliba li diġa' kien bena l-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem. Ta' 47 sena Abraham Schembri daħal għal din l-isfida kbira imbuttat minn żewġ imħabbiet kbar, dik tas-sengħa tal-bini u dik ta' raħal twelidu.

Meta Abraham beda x-xogħol, hu kellu miegħu lil aħwa Mikiel u Ġużeppi Catania u lil Salvu Grima, kollha Karkariżi. Mikiel kien manwal, Salvu lavrant u jagħmel il-lavur. Il-lavur tal-kustilji tista tgħid li kien kollu x-xogħol Abraham. L-istilel tal-knisja u tal-kappelluni saru Għawdex minn Toni Camilleri tax-Xewkija, u l-istilel ħadimhom Lonzu Fenech, Karkariż imlaqqam il-Gwapp. Kien jagħti daqqa t'id sewwa is-sagristan Ġużeppi.

Il-preparazzjoni għar-restawr tal-Knisja l-Qadima beda nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar 1969. Wara l-ħajt li kien jieħu fejn illum hemm ir-rixtellu tal-ħadid sal-ħajt tal-Knisja kien tpoġġa, ħafna snin qabel it-tifrik kollu tal-ġebel: biċċiet ta' stilel, mensoli, ġebel tal-kustilji eċċ. L-ewwel li għamlu Abraham u sħabu kien li fittxu fost it-tifrik tal-ġebel, ħamrija u terrapien, il-biċċiet li setgħu jgħinu fir-restawr. Instabu partijiet mill-ostja u l-anġli ta' madwarha li hemm fis-saqaf tal-Knisja. Minn fuq dawn il-biċċiet Ġanni Bonniċi għamel l-anġli li hemm illum. Mario Montebello ħadem lil Sant' Elena u l-anġli ta' madwarha, u Dun Vinċenz Saliba għamel xi skultura oħra, fosthom l-arma ta' Balaguer.

Wara inqalgħet il-filata fejn kienu jingaljaw il-kapitelli ta' l-oqbra, għax qabel fil-Knisja kien isir id-dfin. Ingħata x-xahx u wara l-konkos biex jista' jibda ir-restawr. Ix-xogħol fuq l-ewwel ħnejja tal-korsija beda fis-7 ta' Ottubru 1969. Din id-data qiegħda mnaqqxa fil-maskarun tat-tieqa t-tonda tal-faċċata (fuq in-naħa ta' ġewwa). Il-korsija kollha tlestiet daqs sena u tmien xhur wara u nfetħet uffiċjalment, is-Sibt 13 ta' Mejju. Qabel ma nfetħet il-korsija kien inbena, fl-istess sena, il-ħajt diviżorju li kien għalaq il-korsija mill-kumplament tal-knisja biex il-korsija setgħet tintuża bħala knisja. Wara li tlestew il-lunetti kien wasal iż-żmien li jinħadem iċ-ċirku tal-koppla. Dan iċ-ċirku fih 32 mensola imqassmin preċiżi madwar iċ-ċirku. Biex inbena dan iċ-ċirku b'mod preċiż, Abraham bena pilastru fiċ-ċentru, u kell ġebla li kien iqiegħed kien iqisha ma' dan iċ-ċentru b'rutella ta' l-azzar. Dan hu ċirku preċiż li ftit issib bħalu.

Wara ċ-ċirku tal-koppla beda x-xogħol fuq it-tambur Iżda mbagħad ix-xogħol ta' restawr waqaf minħabba nuqqas ta' ftehim fuq it-twieqi u minħabba aċċident li sofra Abraham. Meta reġa' beda ir-restawr ix-xogħol għamluh il-Gatt Brothers tal-Mosta li żammew lil Abraham bħala konsulent. Issaqqaf it-tambur tal-koppla b'mod proviżorju u fl-Lulju ta' l-1992 nħatt il-ħajt tal-korsija u wieħed seta jammira l-knisja fis-sbuħija kollha tagħha.